# Il-PJAN TAL-LEZZJONI – 6.2

**Kap 6: Salvana!**

**Lezzjoni 6.2: Kemm qed nikbru!**

## L-Għanijiet:



## It-tfal:

1. Jagħrfu li huma wkoll , bħal Ġesú, ma baqgħux trabi imma qegħdin jikbru.
2. Jiskopru li kibru kemm fil-ġisem u kif ukoll fil- kisba ta' ħiliet ġodda.
3. Jifhmu li, bħal Ġesù, għandhom jikbru fi tfal bil-għaqal.
4. Jitgħallmu li r-Randan hu żmien fejn għandhom jagħmlu sforz akbar biex ikunu bil-għaqal.

*Studji Soċjali (kross-kurrikulari)*

1. *Ikunu kapaċi jispjegaw il-bidla li seħħet f'ħajjithom peress li qed jikbru.*
2. *Jifhmu li din il-bidla f'ħajjithom hi xi ħaġa komuni għat-tfal kollha*

*Science (kross-kurrikulari)- Change*

1. *Know that some things can change. (Growing up is a changing process).*

## Ir-riżorsi għal-lezzjoni:

1. Xi xogħlijiet fuq ħendawts tat-tfal li saru fil-bidu tas-sena.
2. Xi xogħlijiet riċenti tat-tfal.
3. Preżentazzjoni IWB **6.2 Aħna nikbru bravi bħal Ġesù.**
4. Preżentazzjoni IWB 6.1 Nikbru bħal Ġesù paġna 2.
5. Karta ta' Taħriġ Addizzjonali.
6. The Growing up Song meħuda minn Barney
   http://www.youtube.com/watch?v=CSg3gsuLm3o



## Naqsmu flimkien – *L-Introduzzjoni u ddiskussjoni tal-bidu*

1. Fakkar lit-tfal f'dak li sar fil-lezzjoni ta' qabel - Aħna nikbru bħal Ġesù.

    a. Kulħadd xi darba kien tarbija.
    b. Kulħadd irid jikber.
    c. Aħna rridu nitgħallmu nġibu ruħna skont l-età tagħna.
    d. Ġesù wkoll kien tarbija u kiber.
    e. Aħna, bħal Ġesù, ser nikbru f'adulti.



2. Biex turihom kemm tassew kibru tista' turi lit-tfal xi xogħol li kienu għamlu fil-bidu tas-sena u oħrajn riċenti. Staqsihom x'tgħallmu kemm ilhom fil-Year 1. (jiktbu l-ittri, jaqraw, jgħoddu u jnaqqsu n-numri).
3. Erġa' wrihom l-istampi ta' Ġesù (Preżentazzjoni **IWB 6.1 Aħna nikbru bħal Ġesù)** meta kien tarbija , oħra ta' Ġesù tifel tamparhom, oħra ta' Ġesù tfajjel imfarfar u oħra ta' Ġesù adult. Staqsi lit-tfal, huma daqs liema Ġesù huma - Ġesù tarbija, Ġesù tifel jew Ġesù kbir?
4. Wassalhom jaqblu li huma tfal daqs it-tfajjel Ġesù, staqsihom kif jaħsbu li kien bħala tifel Ġesù: bravu jew pastaż, jobdi jew ma jobdix, ta' għajnuna jew ta' xkiel.

## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)

1. Iftaħ il-preżentazzjoni **6.2 Aħna Nikbru bravi bħal Ġesù** fuq page 2. Ħeġġeġ lit-tfal jgħidulek x'seta' jagħmel Ġesù biex ikun bravu:

    a. jgħin lil ommu u lil missieru;
    b. jagħmel ħiltu biex jitgħallem jaqra;
    c. jgħin u jilgħab kif inhu xieraq ma' sħabu;
    d. jitlob.

2. Staqsi lit-tfal x'jistgħu jagħmlu huma biex ikunu bravi bħal Ġesù. Ħeġġiġhom isemmu kif realment jistgħu jikkupjaw l-imġiba tajba ta' Ġesù fil-ħajja ta' kuljum.

    a. Kif jistgħu jgħinu lil ommhom u lil missierhom?
    b. X' jistgħu jagħmlu biex fl-iskola jkunu tfal bil-għaqal?
    c. Kif iridu jġibu ruħhom waqt il-logħob?
    d. Meta u fejn jistgħu jitolbu?

## Nisimgħu flimkien (tkompli)

5. Iftaħ il-preżentazzjoni Aħna Nikbru Bravi bħal Ġesù fuq page 2.
6. Għin lit-tfal iqabblu l-imġiba xierqa tat-tifel Ġesù mal-imġiba xierqa ta' tfal bħalhom.
7. Stieden lit-tfal (**jekk trid**) biex flimkien taħdmu l-Karta ta' Taħriġ Addizzjonali billi tgħin lit-tfal iqabblu l-imġiba tagħhom ma' dik ta' Ġesù.
8. Agħalaq il-lezzjoni billi t-tfal jerġgħu jisimgħu u jkantaw The growing up song.

## Nikbru flimkien (Il-punti ewlenin tal-lezzjoni)




1. Kulħadd irid jikber.Ħadd ma jibqa' żgħir.
2. Ġesù wkoll kien tarbija u kiber.
3. Ġesù tgħallem kif għandu jġib ruħu.
4. Aħna rridu nitgħallmu nġibu ruħna skont l-età tagħna wkoll.
5. Aħna, bħal Ġesù, ser nikbru f'adulti.

## Nagħżlu flimkien (Attitude)




Biex insiru tfal bil-għaqal irridu noqogħdu attenti sabiex nagħżlu dak li hu tajjeb. M'għandniex nimxu bl-aptit iżda għandna nagħmlu ħilitna biex nagħmlu li hemm bżonn.

## Niċċelebraw flimkien



Insegwu u nkantaw The Growing up Song meħuda minn Barney
[http://www.youtube.com/watch?v=CSg3gsuLm3o](http://www.youtube.com/watch?v=CSg3gsuLm3o)

**Nitolbu**



*Ġesu' għinni ... biex inkun bħalek.*

(It-tfal isemmu xi ħaġa tajba li jistgħu jagħmlu)

- nċedi fil-logħob;
- nobdi lil min jieħu ħsiebi;
- nkun qalbi tajba;
- naħfer;
- nagħmel dmiri fil-klassi;
- nitlob.